MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

# KODIĊI SUPPLIMENTARI TA' KRITERJI TA' ETIKA GĦALL-MEMBRI TAL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**skond l-Artikolu 11.3 tar-**

**Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew**

**5 ta' Settembru, 2006**

## *1. Dikjarazzjonijiet preliminari*

Fl-10 t'Ottubru, 2000, il-Bord Eżekuttiv adotta l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Bank Ċentrali Ewropew. Huwa jagħti gwida u jistabbilixxi konvenzjonijiet, standards u *benchmarks* ta' etika għall-persuni kollha mpjegati mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) kif ukoll għall-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE. Fis-16 ta' Mejju, 2002, il-membri tal-Bord Eżekuttiv bħala membri tal-Kunsill Governattiv qablu dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Kunsill Governattiv. Dan il-Kodiċi Supplimentari ta' Kriterji ta' Etika (minn issa 'l quddiem il-'Kodiċi') jispeċifika aktar ir-reġim ta' etika applikabbli għall-membri tal-Bord Eżekuttiv.

## *2. Rigali jew benefiċċji finanzjarji oħra*

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv m'għandhomx jaċċettaw rigali jew benefiċċji finanzjarji li huma b'xi mod relatati mal-ħidmiet u d-dmirijiet mogħtija lilhom, b'valur li jaqbeż dak skond id-drawwa stabbilita jew negliġibbli. F'dan ir-rigward, jistgħu jinżammu rigali b'valur li ma jaqbiżx il-EUR 100. Jekk xi sitwazzjoni partikolari ma tippermettix li xi rigal b'valur li jaqbeż il-EUR 100 jiġi rrifjutat, ir-rigal għandu jingħata lill-BĊE sakemm dak l-ammont 'il fuq mill-EUR 100 jitħallas lill-BĊE.

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jagħtu rigali lil terzi partijiet fuq l-ispiża tal-BĊE u li l-valur tagħhom jaqbeż il-limiti previsti fir-regoli għall-membri ta' l-istaff. Jekk il-valur ta' xi rigal jaqbeż dan l-ammont bi tliet darbiet, tinħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Bord Eżekuttiv. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv m'għandhom la jospitaw lil xulxin inklużi lill-konjuġi, partners jew membri familjari, lanqas jagħtu lil dawn il-persuni msemmija, xi benefiċċji oħra fuq l-ispiża tal-BĊE,

## *3. Aċċettazzjoni ta' stediniet*

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv, filwaqt li jżommu f'moħħhom l-obbligu tagħhom biex jirrispettaw il-prinċipju ta' l-indipendenza u jevitaw kunflitti ta' interess, jistgħu jaċċettaw stediniet għal konferenzi, riċevimenti jew okkażjonijiet kulturali u divertiment relatat, inkluża ospitalita` xierqa, jekk il-parteċipazzjoni tagħhom fl-okkażjoni hija kumpatibbli mat-twettiq ta' dmirijiethom jew hija fl-interess tal-BĊE. F'dan ir-rigward, huma jistgħu jaċċettaw mill-organizzaturi l-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni fi proporzjon mat-tul ta' l-impenn tagħhom. B'mod partikolari, il-membri tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jaċċettaw stediniet għal okkażjonijiet li għalihom jattendu numru sew ta' nies, waqt li għandhom josservaw prudenza partikolari fir-rigward ta' stediniet individwali. Kull ħlas li jiġi aċċettat minn membri tal-Bord Eżekuttiv għal lekċers jew diskorsi li huma jagħtu fil-kapaċità uffiċjali tagħhom għandhom jintużaw mill-BĊE għal skopijiet ta' karità.

Dawn ir-regoli għandhom japplikaw bl-istess mod għall-konjuġi jew partners tagħhom, jekk l-istediniet isiru lilhom ukoll u jekk il-parteċipazzjoni tagħhom hija konsistenti mad-drawwa aċċettata internazzjonalment.

## 4. *Aċċettazzjoni ta' remunerazzjoni għal attivitajiet magħmula f'kapaċita` personali*

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet ta' tagħlim u ta' studji akkademiċi kif ukoll f'attivitajiet oħra bla qliegħ. Huma jistgħu jaċċettaw remunerazzjoni u r-rimborż ta' l-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet, magħmula fil-kapaċita` personali tagħhom u li ma jinvolvux lill-BĊE, suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11.1 ta' l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u bil-kundizzjoni li din ir-remunerazzjoni u dawn l-ispejjeż ikunu f'proporzjon max-xogħol imwettaq u li jibqgħu fi ħdan il-limiti skond id-drawwa stabbilita. Kull sena huma għandhom jinnotifikaw bil-miktub lill-President tal-BĊE dwar kwalunkwe attivitajiet li huma jkunu wettqu f'kapaċita` personali, kif ukoll dwar xi remunerazzjoni bħala riżultat ta' dan.

## 5. *Tħaris ta' regoli dwar insider trading*

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv huma suġġetti għal regoli komprensivi ta' konformita` dwar *insider trading* u r-reġim ta' sorveljanza fis-seħħ fil-BĊE. Huma rrikkmandati bis-sħiħ biex ipoġġu l-investimenti tagħhom taħt il-kuntroll ta' wieħed jew aktar mill-maniġers ta' portafolli rikonoxxuti bl-akbar prudenza. Din ir-rakkomandazzjoni ma tapplikax għal kontijiet kurrenti, kontijiet ta' depożiti, kontijiet ta' tfaddil u fondi tas-suq tal-flus (*money market funds*) jew strumenti finanzjarji simili għal żmien qasir. Din ir-rakkomandazzjoni hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-possibbilta` li kultant wieħed ilesti fondi għax-xiri ta' ċerti oġġetti jew biex jinvesti fil-propjeta` immobbli. F'każ ta' dubju, il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom ifittxu l-opinjoni tal-Konsulent għall-Etika tal-BĊE.

## 6. *Konsulent għall-Etika*

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan il-Kodiċi, il-membri tal-Bord Eżekuttiv għandhom, f'każ ta' dubju dwar l-applikazzjoni prattika ta' xi kriterju ta' etika stabbilit f'dan il-Kodiċi, jikkonsultaw lill-Konsulent għall-Etika tal-BĊE.

## 7. *Distribuzzjoni u pubblikazzjoni*

Magħmul f'kopja waħda oriġinali, iddepożitat fil-kamra tas-sigurta` tal-BĊE. Ġiet iddistribwita kopja lil kull membru tal-Bord Eżekuttiv.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Settembru, 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET